# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 7 ta' Ottubru 2024**

**Numru: 10**

**Rikors kostituzzjonali numru 356/2022/1**

**Dr Aldo Fiorini; Concetta D'Amato; Amanda Mahoney; Lydia Fiorini; Claudette Bundy**

***v.***

**L-Avukat tal-Istat; Carmel Galea għal kull interess li jista' jkollu**

1. Dawn huma żewġ appelli – wieħed tal-atturi u l-ieħor tal-Avukat tal-Istat – minn sentenza mogħtija fil-15 ta' Ġunju 2023 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali li sabet ksur tal-jeddijiet tal-atturi Concetta D'Amato, Lydia Fiorini u Claudette Bundy – iżda mhux ukoll dawk tal-atturi Aldo Fiorini u Amanda Mahoney – imħarsa taħt l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["l-Ewwel Protokoll"] u bħala

rimedju kkundannat lill-Avukat tal-Istat sabiex iħallas kumpens ta' ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) b'kollox lil dawk l-atturi li nstab ksur tal-jeddijiet tagħhom. L-appell tal-atturi jolqot in-nuqqas ta' sejbien ta' ksur tal-jeddijiet ta' Aldo Fiorini u ta' Amanda Mahoney filwaqt li l-appell inċidentali tal-Avukat tal-Istat jolqot is-sejbien ta' ksur tal-jeddijiet tal-atturi Lydia Fiorini u Claudette Bundy.

2. Il-fatti relevanti huma dawn: l-atturi jgħidu li huma s-sidien ta' fond fl-Imsida. Dan il-fond kien ta' Angela Azzopardi u wara li din ġiet nieqsa fit-28 ta' Marzu 1943 Joseph Fiorini, Serafino Fiorini u l-attriċi Concetta D'Amato wirtu sehem mhux maqsum ta' wieħed minn tlieta ($^{1}/_{3}$) kull wieħed fil-fond.

3. L-atturi Aldo Fiorini u Amanda Mahoney huma ulied Joseph Fiorini (li miet fl-24 ta' Jannar 1987) u għalhekk igħidu illi flimkien għandhom sehem minn tlieta ($^{1}/_{3}$) tal-fond li wirtu mingħand missierhom.

4. L-atturi Claudette Bundy u Lydia Fiorini huma wlied Serafino Fiorini (li ġie nieqes fil-5 ta' Diċembru 2009) u jgħidu illi huma wkoll flimkien għandhom sehem ieħor minn tlieta ($^{1}/_{3}$) tal-fond li wirtu mingħand missierhom Serafino Fiorini.

5. Is-sehem l-ieħor minn tlieta ($^{1}/_{3}$) huwa tal-attriċi Concetta D'Amato, li wirtitu mingħand Angelina Azzopardi, u li dwaru ma hemmx kontestazzjoni.

6. Dan il-fond kien inkera qabel is-sena 1995 lill-konvenut Carmel Galea, li għadu sallum joqgħod fil-fond b'kirja mħarsa taħt l-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini [Kap. 69].

7. L-atturi jgħidu illi l-kondizzjonijiet tal-kiri kontrollat huma bi ksur tal-jeddijiet tagħhom għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom. Għalhekk fetħu din il-kawża u talbu illi l-qorti:

> »1. tiddikjara … illi per konsegwenza tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta kif applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV tal-2021, inkluż tal-artikolu 3 tal-istess Kapitolu fil-liġi, u / jew minħabba l-Att X tal-2009, ġew ... vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-proprjetà tagħhom bi vjolazzjoni tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta);
>
> »2. tiddikjara … illi l-intimat l-Avukat tal-Istat huwa responsabbli għall-kumpens u danni, li jinkludi danni non-pekunjarji, sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-liġijiet suċċitati fit-talba pre-ċedenti;
>
> »3. tillikwida l-istess kumpens u danni … … …;
>
> »4. tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-istess kumpens u danni likwidati;
>
> »5. tagħti dawk ir-rimedji kollha meqjusa xierqa.«

8. L-Avukat tal-Istat ressaq l-eċċezzjoni, fost oħrajn, illi l-atturi "… jridu jġibu prova tat-titolu tagħhom fuq il-fond …".

9. Il-konvenut Galea wkoll wieġeb għar-rikors tal-atturi iżda l-eċċezzjonijiet tiegħu m'humiex relevanti għall-għanijiet tal-appelli tallum.

10. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

> »tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat tal-Istat limitatament fil-konfront tar-rikorrenti Aldo u Amanda aħwa Fiorini;
>
> »tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-intimat Avukat tal-Istat.
>
> »... … …
>
> »tilqa' l-ewwel talba fil-konfront tar-rikorrenti Concetta D'Amato, Lydia Fiorini u Claudette Bundy biss filwaqt li qed tiċħadha fil-konfront tal-bqija tar-rikorrenti, billi tiddikjara li per konsegwenza tal-Kapitolu 69

tal-Liġijiet ta' Malta kif applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV tal-2021, inkluż tal-artikolu 3 tal-istess Kapitolu fil-liġi, u / jew min-ħabba l-Att X tal-2009, ġew vjolati d-drittijiet fondamentali tal-imsemmija rikorrenti għat-tgawdija tal-proprjetà tagħhom … sanċiti fl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea (li tifforma parti integrali tal-liġijiet domestiċi fil-Kap. 319);

»tilqa' it-tieni talba tar-rikorrenti limitament Concetta D'Amato, Lydia Fiorini u Claudette Bundy billi tiddikjara illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għall-kumpens u danni sofferti minnhom b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-Kap. 69 u l-Att X tal-2009 tal-Liġijiet ta' Malta kif kienu viġenti qabel l-introduzzjoni tal-emendi bl-Att XXIV tal-2021, preċiżament sal-1 ta' Ġunju 2021;

»tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti limitatament għal Concetta D'Amato, Lydia Fiorini u Claudette Bundy u tillikwida l-kumpens u danni kif sofferti fuq is-sehem ta' terz dovut lir-rikorrenti Concetta D'Amato fl-ammont ta' tnax-il elf u ħames mitt euro (€12,500) u fuq is-sehem ta' terz dovut lir-rikorrenti Lydia Fiorini u Claudette Bundy fl-ammont ta' tnax-il elf u ħames mitt euro (€12,500), bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv;

»tilqa' r-raba' talba tas-soċjetà [*sic*] rikorrenti u tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-istess kumpens u danni likwidati.

»Bl-ispejjeż kollha, inklużi tal-inkwilin intimat Carmel Galea jitħallsu mill-Intimat Avukat tal-Istat.

»Tordna lir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali sabiex jibgħat kopja ta' din is-sentenza lill-i*Speaker* tal-Kamra tad-Deputati skont l-artikolu 242(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta malli din is-sentenza tgħaddi in ġudikat.«

11. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha, safejn relevanti għall-appelli tallum, ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»8. Din hija azzjoni ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali. Ir-rikorrenti qed jilmentaw li l-Kap. 69 "kif applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV tal-2021" u / jew l-Att X tal-2009 ivvjolaw id-drittijiet tagħhom għat-tgawdija tal-fond in kwistjoni sanċit fl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta).

»… … …

»11. Permezz tal-ewwel eċċezzjoni, l-intimat Avukat tal-Istat qed jesiġi l-prova tat-titolu tar-rikorrenti. Fin-nota tiegħu l-Avukat tal-Istat jissottometti li filwaqt li "lest jikkonċedi li r-rikorrenti Concetta Damato ġabet prova suffiċjenti tat-titolu tagħha fuq il-kera fir-rigward tat-terz sehem tagħha, ma tirriżultax prova suffiċjenti fil-konfront tar-rikorrenti l-oħra". Dan fuq ir-raġuni li "għalkemm ir-rikorrenti eżebew id-diversi testmenti msemmija, madankollu ma jirriżultax ċar f'liema perjodi kien hemm terzi (familjari oħra tar-rikorrenti) li qegħdin igawdu l-użufrutt tal-fond".

»12. Jiġi rilevat li n-numru ta' terzi li qegħdin igawdu l-użufrutt tal-fond huwa irrelevanti *ai fini* ta' prova ta' titolu tar-rikorrenti. Dan għaliex l-

użufruttwarji tal-fond ma jbiddlu xejn mit-titolu reklamat mir-rikorrenti, *qua* ereditarji ta' missirijiethom Joseph u Serafino aħwa Fiorini.

»13. Li r-rikorrenti Lydia u Claudette aħwa Fiorini huma eredi ta' missierhom Serafino ġie pruvat bil-preżentata tal-*causa mortis* tiegħu datata 4 ta' Ġunju 2010 (ara klawżola 2 a' fol 52).

»14. Mhux l-istess jingħad għar-rikorrenti Aldo u Amanda aħwa Fiorini. Dan għaliex l-istess rikorrenti għoġobhom iħallu barra r-raba' u l-ħames artikolu mit-testment tal-1 ta' Lulju 1983 preżentat minnhom. B'dan il-mod il-qorti ġiet imċaħħda milli tikkonstata l-veraċità ta' dak ritenut fl-*affidavit* ta' Aldo Fiorini li hu flimkien ma oħtu Amanda ġew nominati l-werrieta ta' missierhom.

»… … …

»16. … … … il-qorti sejra … tilqa' l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' prova ta' titolu limitatament fil-konfront tar-rikorrenti Aldo u Amanda aħwa Fiorini. Dan minħabba n-nuqqas tagħhom li jipprovaw a sodisfazzjon ta' din il-qorti t-titolu tagħhom fuq il-fond in kwistjoni.

»... … …

»21. Il-fatti li fuqha hija mibnija din l-azzjoni huma identiċi għal dawk ravviżati fid-diverżi sentenzi tal-Qorti Ewropea u tal-qrati tagħna … … … Għaldaqstant japplikaw l-istess konsiderazzjonijiet legali hemm esposti. Isegwi li fil-każ tal-lum din il-qorti tasal għall-istess konklużjoni li waslu għaliha qrati oħra ripetutament f'kawżi ta' din ix-xorta u f'ċirkostanzi simili, u *cioè* li, fil-konfront tar-rikorrenti Concetta D'Amato Lydia Fiorini u Claudette Bundy, l-artikoli msemmija tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-emendi introdotti fil-Kodiċi Ċivili bl-Att X tal-2009, kif kienu viġenti qabel ma ġew introdotti l-emendi bis-saħħa tal-Att XXIV tal-2021, huma leżivi tad-drittijiet fondamentali tas-sidien kif garantiti bl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

»22. Bħala rimedju għal din il-vjolazzjoni, ir-rikorrenti qed jitolbu lil qorti tordna, tillikwida u tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat għal kumpens u danni sofferti minnhom) u tagħti dawk ir-rimedji kollha meqjusa xieraq.

»23. Din il-qorti tara li dawn it-talbiet rimedjali huma bbażati fuq l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni li jipprovdi dritt għar-rimedju effettiv quddiem qorti nazzjonali.

»24. Dawn it-talbiet huma issa ċirkoskritti għal perjodu ta' qabel l-1 ta' Ġunju 2021. Dan peress li, bis-saħħa tal-artikolu 4A introdott bl-imsemmi Att XXIV tal-2021, mill-1 ta' Ġunju 2021 ir-rikorrenti setgħu, kif hekk għamlu, jużufruwixxu ruħhom mir-rimedju ordinarju hemm mogħti li jadixxu quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera sabiex jitolbu reviżjoni tal-kera mibdija qabel l-1 Ġunju 1995 b'applikazzjoni tal-Kap. 69 u anke jitterminawha jekk jirriżulta li l-kerrej ma jissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi msemmija taħt l-imsemmi artikolu 4A. Il-qorti għaldaqstant tara li għandha tipprovdi rimedju għall-effetti tal-ksur tad-drittijiet fundamentali permezz ta' kumpens sal-1 ta' Ġunju 2021.

»… … …

»28. Fl-evalwazzjoni minnha tad-dannu pekunjarju dovut lill-applikant bħala kumpens għat-telf ta' kontroll, użu u tgawdija tal-proprjetà

> tiegħu, il-QEBD fis-sentenza Cauchi *v.* Malta qieset, sa fejn kien xieraq, il-valuri lokatizji fis-suq Malti tal-proprjetà matul il-perjodi rilevanti. Hija wkoll ikkunsidrat l-għanijiet leġittimi u l-"interess pubbliku" ta' dawn ir-restrizzjonijiet li jiġġustifikaw kumpens anqas mill-kumpens sħiħ li altrimenti jkun dovut skont il-valur tas-suq ħieles.
>
> »… … …
>
> »32. Din il-qorti għaldaqstant issib xieraq li l-kumpens fuq is-sehem ta' terz dovut lir-rikorrenti Concetta D'Amato jammonta għal tnax-il elf u ħames mitt euro (€12,500) filwaqt li l-kumpens fuq is-sehem ta' terz dovut lir-rikorrenti Lydia Fiorini u Claudette Bundy jammonta għal tnax-il elf u ħames mitt euro (€12,500).
>
> »33. Dawn l-ishma għandhom sintendi jitħallsu mill-Avukat tal-Istat li, kif jixhed ismu stess, qed jirrappreżenta l-istat. … … …

12. L-atturi appellaw b'rikors tas-27 ta' Ġunju 2023 li għalih wieġeb l-Avukat tal-Istat fl-4 ta' Lulju 2023. Fit-tweġiba tiegħu l-Avukat tal-Istat ressaq appell inċidentali li l-atturi wieġbu għalih fil-31 ta' Awwissu 2023. Il-konvenut Galea ma wieġeb la għall-appell tal-atturi u lanqas għall-appell inċidentali tal-Avukat tal-Istat.

13. Ma sar ebda appell minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel qorti sabet ksur tal-jeddijiet tal-attriċi Concetta D'Amato u fejn ikkundannat lill-Avukat tal-Istat sabiex iħallasha kumpens fl-ammont ta' tnax-il elf u ħames mitt euro (€12,500). Dawn il-partiijiet tas-sentenza appellata issa għalhekk huma finali.

14. Ngħaddu mela għall-appell inċidentali tal-Avukat tal-Istat li jolqot is-sejbien ta' ksur tal-jeddijiet tal-atturi Lydia Fiorini u Claudette Bundy, u li ġie mfisser hekk:

> »2. L-aggravju tal-esponent huwa li l-ewwel qorti żbaljat fl-analiżi tagħha tat-titolu tal-appellanti Lydia Fiorini u Claudette Bundy.
>
> »3. Fil-paragrafu 12 tas-sentenza appellata, l-ewwel qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjoni:
>
>> »"Jiġi rilevat li n-numru ta' terzi li qegħdin igawdu l-użufrutt tal-fond huwa irrelevanti *ai fini* ta' prova ta' titolu tar-rikorrenti. Dan għaliex l-użufruttwarji tal-fond ma jbiddlu xejn mit-titolu reklamat mir-rikorrenti *qua* ereditarji ta' missirijiethom Joseph u Serafino aħwa Fiorini."

»4. Din il-kunsiderazzjoni, flimkien mal-fatt li Lydia Fiorini u Claudette Bundy wirtu lil missierhom, wasslet lill-ewwel qorti biex issib vjolazzjoni fil-konfront tagħhom mis-sena 1987 u likwidatilhom kumpens ta' €12,500.

»5. Jekk hemmx terzi li jgawdu l-użufrutt tal-fond in kwistjoni jagħmel id-differenza kollha. Dan għaliex, jekk inhu hekk, huma l-użufruttwarji li jgawdu l-kera perċepita mill-fond in kwistjoni u mhux il-proprjetarji innifishom.

»6. Fil-każ odjern kienu użufruttwarji l-ewwel Giuseppina Fiorini u Giuseppe Azzopardi. Mhux magħruf jekk dawn humiex mejta, u, jekk iva, meta ġew nieqsa.

»7. F'każ li ġew nieqsa u l-użufrutt tagħhom intemm, kien ikun Serafino Fiorini li jkun intitolat għall-kera fuq il-fond in kwistjoni għas-sehem terz tiegħu.

»8. Serafino Fiorini ġie nieqes fil-5 ta' Diċembru 2009 u huwa ħalla l-użufrutt tal-beni kollha tiegħu lil martu Josephine Fiorini. Għalhekk, kienet hi li għal xi żmien wara l-mewt ta' Giuseppina Fiorini, Giuseppe Azzopardi u Serafino Fiorini li kienet intitolata tiġbor il-kera għas-sehem terz. Mhux magħruf jekk hija ġietx nieqsa, u, jekk iva, meta ġiet nieqsa.

»9. Wisq anqas jirriżulta jekk Lydia Fiorini u Claudette Bundy wirtuhiex b'eredità universali.

»10. Għal dawn ir-raġunijiet, Lydia Fiorini u Claudette Bundy ma ġabu l-ebda prova tad-data meta huma jew l-antekawża tagħhom saru sidien tal-kera u ma ġabu l-ebda prova li huma wirtu lill-użufruttwarji li kien hemm matul iż-żminijiet.

»11. Għandu jingħad ukoll li l-ebda mill-irċevuti tal-kera eżebiti (mis-sena 1987 sal-2022) ma jidentifikaw lil Lydia Fiorini u / jew lil Claudette Bundy bħala sidien tal-kera.

»12. Għalhekk it-talbiet tagħhom huma infondati *stante* li ma nġabitx prova suffiċjenti ta' meta hujma kienu intitolati jirċievu l-kera fuq il-fond in kwistjoni.«

15. L-atturi wieġbu hekk:

»... … … fl-appell inċidentali l-Avukat tal-Istat iqalleb ftit il-kunċetti tal-produzzjoni tal-provi. Ma jistax l-Avukat tal-Istat ma jikkontestax fatt (jew jikkontestah b'eċċezzjoni ġeneralissima), imbagħad joħroġ sorpriża f'appell inċidentali, f'kwistjonijiet li suppost huma paċifiċi. Per eżempju kemm fir-risposta tal-appell kif ukoll fl-appell inċidentali, l-Avukat tal-Istat iressaq id-dubju jekk huwiex ħaj Joseph Azzopardi. Apparti l-fatt illi dan il-fatt qatt ma kien hemm dubju dwaru, biss biss Joseph Azzopardi, kieku għadu ħaj illum għandu 127 sena!

»Ngħaddu issa speċifikament għall-appell inċidentali.

»L-Avukat tal-Istat qed jallega li hemm terzi li jgawdu l-użufrutt u qed jgħid li, għalhekk, il-kawża messha saret mill-użufruttwarju u mhux mis-sidien (Lydia Fiorini u Claudette Bundy). Mela hemm żewġ argumenti x'jingħadu; min messu ġab il-prova li hemm użufruttwarju li

għad għandu dritt, u, jekk hemm prova li hemm l-użufruttwarju, dan xi jfisser.

»Kemm fil-konfront ta' Aldo Fiorini u Amanda Mahoney, u kif ukoll fil-konfront ta' Lydia Fiorini u Claudette Bundy, ġaladarba l-Avukat tal-Istat qiegħed jallega li l-użufruttwarji għadhom ħajja u għandhom dritt għall-użufrutt, kellu jkun hu li jġib prova ta' dan, u ma jistax jippretendi illi jagħmel allegazzjoni, u jippretendi li l-prova negattiva jġibha ħaddieħor. Ma jistax l-Avukat tal-Istat jitfa' allegazzjoni u ma jagħmel hu xejn dwarha, u jippretendi li l-prova kontra l-presunzjonijiet iġibha ħaddieħor. Ma setax dan il-punt ma jsemmih qatt tul il-kawża, ma jagħmilx domandi dwaru, u mbagħad jilgħab il-logħba ta' *deus ex machina*, li ma għandhiex postha fi proċess ġudizzjarju. Diġà r-rikorrenti qegħdin jiffaċjaw sitwazzjoni fejn il-ġurisprudenza mhux dejjem kienet l-istess fuq dan il-punt – tal-anqas, rikorrenti għandu jingħata għarfien speċifiku ta' dak li qiegħed jiġi kontestat fil-mument fejn ikun għad jista' jġib il-provi tiegħu.

»Fil-fatt, f'paragrafu 12 tas-sentenza (riportata f'paragrafu 3 tal-appell inċidentali), l-ewwel qorti ma qalet xejn ħażin li, għall-finijiet tal-eċċezzjoni dwar it-titolu, l-użufrutt jekk jeżisti ma jibdel xejn mit-titolu reklamat. Fil-fatt, hekk hu, hemmx użufrutt jew le ma jbiddel xejn dwar it-titolu, u l-qorti qalet tajjeb meta qalet dan. Jiġifieri meta l-Avukat tal-Istat jikkritika l-qorti fuq dan il-punt, ma jgħidx tajjeb, għax hemm il-qorti kienet qed titkellem fuq it-titolu u fuq l-eċċezzjoni dwar it-titolu.

»Ma jissodisfax il-vot tal-liġi appell ibbażat fuq 'li kieku' jew 'f'każ', kliem użati spiss fl-appell inċidentali. Infakkru illi l-possibilità fil-proċess ġudizzjarju ma għandhiex post biex tiddetermina fatt jeżistix jew le.

»… … …

»Ejja ninsew għall-mument jekk l-użufrutt jibdilx id-drittijiet f'kawżi bħal din – bħala stat ta' fatt, ġaladarba l-esponenti ġabu prova tat-titolu (xi ħaġa li qed jaċċetta l-Avukat tal-Istat u l-inkwilin stess li mkien qatt ma qal li huwa jħallas il-kera lil ħaddieħor), il-presunzjoni għandha tkun illi huma għandhom dritt jirċievu l-kera la huma sidien, u mela d-dritt ta' azzjoni huwa tagħhom, u mhux ta' ħaddieħor. U għalhekk, jekk l-Avukat tal-Istat irid jegħleb din il-presunzjoni, huwa jrid iġib il-prova kontra dik il-presunzjoni, u mhux jixħet allegazzjoni f'appell inċidentali f'ħoġor ir-rikorrenti u jippretendi illi dawn għandhom imorru lura fi żmien u jġibu prova ta' fatt affermattiv allegat minn ħaddieħor li qatt qabel illum ma ġie mistoqsi.

»Ġaladarba l-Avukat tal-Istat deherlu li hemm xi dubju kontra l-presunzjoni li huma s-sidien li għandhom jirċievu l-kera, għalfejn ma ġabx prova kontrarja? Għaliex qagħad biss b'erba' domandi lix-xhud, u ma ġabx prova kontra l-jedd presuntiv tas-sjieda tal-proprjeta'? Jekk ħaseb li l-użufruttwarji għadhom ħajjin, għaliex ma staqsiex domandi dwar dan, jew ġab prova ta' dan bil-meżżi li għandu għad-disposizzjoni tiegħu l-Avukat tal-Istat? Għaliex ħalla għal dan l-istadju, u ħareġ il-fenek mill-kappell issa, fi stadju ta' appell inċidentali? Kif setgħu ir-rikorrenti jifhmu l-oġġezzjoni speċifika dwar hux ħajjin jew le l-użufruttwarji jekk qatt ma tqajmet waqt il-kawża?

»Għal kull buonfini, il-qorti qiegħda tiġi mgħarrfa illi:

»1. Joseph Azzopardi ilu mejjet mil-1977;

»2. Joseph Fiorini ilu mejjet mill-1987;

»3. Maria Fiorini ilha mejta mill-2014, u l-presunzjoni hija (kif filfatt hu) li wirtuha uliedha Aldo Fiorini u Amanda Mahoney; u

»4. Josephine Fiorini għadha ħajja.

»Dwar Joseph Azzopardi, ma tantx hemm wisq xi jgħid, biss hija l-fehma tal-esponenti illi jkun kemmxejn illoġiku illi wieħed jiġi pretiż li jġib prova tal-mewt ta' kull antenat fil-ġeneoloġija tal-familja rikorrenti. Hija wkoll l-umili fehma tal-esponenti illi xejn ma jkun ta' ġid għall-ekonomija tal-atti jekk rikorrenti bħal Fiorini jispiċċaw jimlew proċessi b'dokumenti li lanqas biss intalbu ma jmurx tqum xi allegazzjoni f'xi appell inċidentali xi darba 'l quddiem. Fil-fehma tal-esponenti, dan ma jkunx jagħmel sens.

»Joseph Fiorini ilu mejjet mill-1987, u l-omm Maria Fiorini hija mejta wkoll. Skont il-liġi, mhux biss Aldo Fiorini u Amanda Mahoney huma preżunti (u ma hemmx prova kontra li sar hekk) li wirtuha, iżda wkoll dawn it-tnejn ġew rikonoxxuti bħala sidien u dawk intitolati għall-kera kemm mill-inkwilin stess (ara x-xhieda tiegħu u l-kotba tal-kera) iżda wkoll mill-Bord li Jirregola l-Kera f'kawża magħmula taħt l-artikolu 4A tal-Kapitolu 69. Dan il-punt tal-aħħar igħodd għal Lydia Fiorini u Claudette Bundy, għalkemm Josephine Fiorini għada ħajja.

»Ngħaddu issa għall-kwistjoni tal-użufrutt, u *cioè* x'effett għandu jkollu dan kieku jitqies li għad hemm l-użufrutt, partikolarment fuq Josephine Fiorini (għax Maria Fiorini kif ingħad mietet).

»Id-drittijet tal-użufruttwarji fil-liġi huwa dritt li joħloq relazzjoni legali bejn l-użufruttwarju u s-sid, f'dan il-każ l-inkwilin ma jidħolx fiha. Għad illi hu minnu illi l-użufruttwarju għandu dritt jikseb il-frottijiet kollha li l-beni tagħhom għandu l-użufrutt, dan jinħoloq bħala dritt *inter partes* mas-sid tan-nuda proprjetà. L-użufrutt ma huwiex xi dritt awtomatiku, jew assolut, tant fil-fatt illi jista' jiġi renunżjat bin-nuqqas ta' utiliżż tiegħu għal żmien tletin sena *ai termini* tal-artikolu 378(*d*) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Hija strettament l-għażla tal-użufruttwarju jekk jenforzax it-titolu tiegħu kontra s-sid tan-nuda proprjetà u allura b'dan l-istess raġunament il-kumpens kien xorta waħda pagabbli lis-sidien, u semmai huwa f'idejn l-użufruttwarju jekk idurux fuq is-sid biex jiksbu l-frottijiet li jkun kiseb huwa flokhom. Għalhekk il-kumpens ma jistax jiġi eskluż bil-fatt illi fuq proprjeta' hemm użufrutt ta' ħaddieħor.

»Dwar ir-relazzjoni bejn sid u użufruttwarju versu kuntratt ta' kera, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) qalet kif ġej fil-kawża <u>Anton Meilaq *et v.* Giuseppi Zammit *et*</u> 795/1994/1 deċiża nhar 23 ta' Jannar 2004:

> »"Ġà fil-każ fejn jirriżultaw diversi komproprjetarji u l-azzjoni issir biss minn wieħed minnhom kien ġie rilevat illi wħud mill-komproprjetarji jistgħu jottjenu l-iżgumbrament ta' min ikun qiegħed jokkupa l-fond komuni mingħajr titlu u dan anki mingħajr il-kunsens tal-konsorti l-oħra.
>
> »Huwa desumibbli minn dan premess illi s-sidien setgħu jaġixxu anke indipendentement mill-użufruttwarja u li dippju lanqas ma kienet meħtieġa tassattivament il-presenza tagħha għall-iskop tal-integrità tal-ġudizzju."

»Dan qiegħed jingħad wkoll *in vista* ta' dak deċiż mill-Prim'Awla, Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), nhar is-7 ta' Ottubru 2022 fil-kawża fl-

ismijiet Dorothy Sciberras *et v.* Avukat tal-Istat *et* (694/21). Hawnhekk din il-qorti rrikonoxxiet il-fatt illi l-użufruttwarju għandu dritt jirċievi l-kera huwa iżda dan ma jfissirx illi r-rikorrenti ma soffrewx ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom u għalhekk il-qorti sabet illi s-sidien xorta waħda kienu entitolati jirċievu kumpens *stante* illi l-qorti xorta waħda sabet ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif sanċiti permezz tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta).

»… … …

»F'dan il-każ imbagħad, jirriżulta s-segwenti:

»• Aldo Fiorini xehed li r-rikorrenti huma s-sidien, u ħadd ma staqsih in kontroeżami dwar min għandu jirċievi l-kera. Dan il-punt ma ġie kontestat qatt;

»• jekk qatt Maria Fiorini kellha xi jedd li tirċievi l-kera, mal-mewt tagħha dan għadda għand uliedha, skont il-presunzjoni fil-liġi, li kontra tagħha ma hemm l-ebda prova miġjuba;

»• Carmel Galea, l-inkwilin tal-kirja *de quo*, ikkonferma bil-ġurament tiegħu li dan l-aħħar kien iħallas il-kera 'lis-Sinjura Fiorini' u mbagħad lil Dottor Aldo Fiorini;

»• fil-kotba tal-kera esebiti, hemm jissemmew il-familja Fiorini; u

»• hemm esebita s-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera tas-27 ta' Mejju 2022, li hemm imsemmija fiha bħala atturi r-rikorrenti kollha. Il-Bord tal-Kera irratifika, jekk mhux aċċetta, il-fatt ta' min għandu jirċievi l-kera bi tkomplija ta' dak li kien jiġri dejjem qabel din is-sentenza!

»Għaldaqstant, hawn għandna stat ta' fatt rikonoxxut diversi drabi illi r-rikorrenti huma dovuti l-kera, u jirċevuha huma. Jekk xi użufruttwarju ħaj imbagħad jidhirlu li għandu jieħu xi ħaġa mingħand is-sidien, dawk jarawha bejniethom, iżda dan, fil-fehma tal-esponenti, ma għandux ikun fil-konċern tal-Avukat tal-Istat u lanqas ta' din il-qorti. Kull ma qed ifittxu r-rikorrenti hija li jieħdu dak li l-liġi tal-kera (lilhom u lil ta' qabilhom) ċaħħdithom minnu għaż-żmien.

»Għalhekk, fl-umili fehma tal-esponenti, l-appell inċidentali għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra l-Avukat tal-Istat.«

16. L-argumenti tal-atturi essenzjalment huma tnejn: (i) jekk il-konvenuti ikkontestawx it-titolu tagħhom li jagħtihom jedd għall-ħlas tal-kera u jekk huwiex fuq il-konvenuti l-oneru li juru li l-fond huwa soġġett għal użufrutt; u (ii) jekk l-użufrutt favur terzi jolqotx il-jedd tal-atturi għall-ħlas tal-kera.

17. L-atturi jgħidu illi "ma jistax l-Avukat tal-Istat ma jikkontestax fatt (jew jikkontestah b'eċċezzjoni ġeneralissima), imbagħad joħroġ sorpriża f'appell inċidentali, f'kwistjonijiet li suppost huma paċifiċi".

18. L-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat trid illi "r-rikorrenti … jġibu prova tat-titolu tagħhom fuq il-fond". Il-kwistjoni għalhekk ma hija "paċifika" xejn ladarba l-konvenut ried il-prova dwarha, u ma hijiex xi "sorpriża" li ħarġet biss fl-appell inċidentali.

19. Inċidentalment igħidu ħażin l-atturi illi hemm xi "presunzjoni fil-liġi" illi mal-mewt ta' persuna kull dritt li kellha "għadda għand uliedha". Ma hemm ebda presunzjoni li wirt igħaddi *ab intestato* jew b'testment; il-prova relativa hija dejjem meħtieġa u tista' faċilment issir biċ-ċertifikati ta' tiftix.

20. Madankollu, it-titolu ta' proprjetà tal-atturi ma huwiex kontestat; li hu kontestat hu jekk l-atturi għandhomx biss in-nuda proprjetà jew proprjetà sħiħa. Ladarba l-presunzjoni hija li l-proprjetà hija ħielsa, huwa fuq min jallega l-kuntrarju – fil-każ tallum l-Avukat tal-Istat – li juri illi l-fond huwa soġġett għal użufrutt.

21. Fid-denunzja ta' trasmissjoni ta' proprjetà *causa mortis* wara l-mewt ta' Serafino Fiorini, missier l-atturi Claudette Bundy u Lydia Fiorini u awtur tagħhom, l-atturi stess jistqarru illi fl-aħħar testment tiegħu tas-27 ta' Mejju 2002 – li sar *unica charta* flimkien ma' martu Josephine Fiorini – Serafino Fiorini ħalla l-użufrutt fuq l-assi kollha tiegħu, fosthom is-sehem tiegħu fil-fond li dwaru saret il-kawża, lil martu Josephine Fiorini u għaldaqstant mill-5 ta' Diċembru tas-sena 2009, meta miet Serafino, 'il quddiem il-fond kien soġġett għall-użufrutt ta' Josephine Fiorini.

22. Jiġi issa fuq l-atturi l-oneru li juru illi l-użufrutt intemm. L-atturi stess iżda fit-tweġiba għall-appell inċidentali jgħidu illi "Josephine Fiorini għadha

ħajja", u ma ressqu ebda prova illi ċediet lilhom it-tgawdija tal-użufrutt kif igħid l-art. 340 Kod. Ċiv.

23. L-atturi għalhekk għandhom biss in-nuda proprjetà fuq il-fond.

24. L-atturi iżda jgħidu illi l-użufrutt "jinħoloq bħala dritt *inter partes* mas-sid tan-nuda proprjetà", u ma jolqotx id-dritt tan-nudi proprjetarji li jitħallsu l-kera.

25. Dan huwa manifestament ħażin. L-użufrutt huwa *ius in re* u għalhekk id-drittijiet tal-użufruttwarju huma *erga omnes*, tant illi "l-użufruttwarju jista' jeżerċita kull azzjoni reali li l-liġi tagħti lis-sid" (art. 348 Kod. Ċiv.). Il-liġi tgħid ukoll illi "l-użufruttwarju għandu jedd għal kull xorta ta' frottijiet, sew naturali, industrjali, jew ċivili, illi tista' tagħti l-ħaġa li tagħha jkollu l-użufrutt" (art. 332 Kod. Ċiv.) li jfisser illi l-kera jmiss lill-użufruttwarju, mhux lis-sid, u għalhekk huwa ħażin ukoll dak li qalet l-ewwel qorti illi "n-numru ta' terzi li qegħdin igawdu l-użufrutt tal-fond huwa irrelevanti *ai fini* ta' prova ta' titolu tar-rikorrenti". Li hu relevanti għall-għanijiet ta' din il-kawża ma huwiex jekk l-atturi għandhomx titolu ta' proprjetà iżda jekk għand-homx titolu li jagħtihom jedd li jitħallsu il-kera. Ladarba ntwera li l-atturi huma biss nudi proprjetarji, ma għandhomx dak il-jedd.

26. Konsegwenza ta' dan huwa illi, ladarba l-atturi Claudette Bundy u Lydia Fiorini ma għandhom ebda jedd għall-kera, mela ma ġarrbu ebda telf billi l-kera kien anqas milli kellu jkun, u ma ġarrbu ebda ksur tal-jedd għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom.

27. L-appell inċidentali tal-Avukat tal-Istat għalhekk sejjer jintlaqa'.

28. Ngħaddu issa għall-appell tal-atturi li jolqot in-nuqqas ta' sejbien ta' ksur tal-jeddijiet tal-atturi Aldo Fiorini u Amanda Mahoney, u li ġie mfisser hekk:

> »L-esponenti ma jaqblu xejn mal-fatt illi t-talbiet ma ġewx milqugħa wkoll fil-konfront ta' Aldo Fiorini u Amanda Mahoney, u għalhekk qegħdin iressqu dan l-appell mis-sentenza tal-ewwel qorti. B'dan l-appell, l-esponenti qegħdin iressqu aggravju mill-fatt illi l-ewwel qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat u qieset li Aldo Fiorini u Amanda Mahoney ma ġabux prova biżżejjed tat-titolu tagħhom u mill-fatt li, minħabba f'hekk, it-talbiet fil-konfront tagħhom ma ntlaqgħux, u b'hekk ukoll ma ngħatawx kumpens. … … …
>
> »... … …
>
> »L-aggravju tal-esponenti huwa għalhekk illi l-qorti messha sabet ksur fil-konfront ta' Aldo Fiorini u lil Amanda Mahoney ukoll, u tat kumpens lilhom ukoll.
>
> »Jibda biex jingħad hawnhekk illi hawnhekk dan ma kienx il-każ illi fih ir-rikorrenti ma esebew xejn, jew li ħadu l-kawża b'leġġerenza. Hemm testment wieħed, li l-oriġinali qiegħed ittajpjat fuq karta rqiqa antika (qisha karta strazza) li evidentement ma nħaditx mill-*photocopier* meta kienu qegħdin isiru l-fotokopji biex jiġu preżentati ma' din il-kawża. B'riferenza lejn il-kumment tal-ewwel qorti, ma huwiex il-każ illi r-rikorrenti "għoġobhom iħallu l-barra r-raba' u l-ħames artikolu mit-testment tal-1 ta' Lulju 1983", għaliex huwa evidenti illi l-paġna n-nieqsa kienet sempliċiment każ ta' fotokopjatriċi li ma ħaditx karta minn ħamsa.
>
> »Ma' dan ir-rikors tal-appell, l-esponenti għamlu rikors biex għal kull buon fini (u mingħajr preġudizzju għal dak li se jingħad f'dan ir-rikors tal-appell), din il-qorti jogħġobha tħallihom iressqu l-kopja sħiħa, mingħajr il-paġna nieqsa. Dan qed isir mhux għax l-esponenti jaħsbu li mingħajr il-kopja sħiħa l-appell tagħhom ifalli, imma għall-finijiet ta' kompletezza u biex ħadd ma jiddubita mill-ġenwinità tar-rikorrenti Aldo Fiorini u Amanda Mahoney.
>
> »Dan magħdud, l-esponenti huma xorta waħda tal-fehma illi, anke mingħajr it-testment bil-paġni kollha, huma xorta kellhom jieħdu l-kumpens kollha kemm huma, u li kien hemm biżżejjed fl-atti biex il-qorti tħossha konvinta li Aldo Fiorini u Amanda Mahoney ukoll sofrew leżjoni, u wkoll jixraqilhom jieħdu sehemhom mill-kumpens dovut, u ma kien hemm l-ebda raġuni fil-liġi biex l-Avukat tal-Istat jingħata skont mill-kumpens dovut.
>
> »Hija l-fehma tal-esponenti illi, bil-paġna nieqsa fit-testment, it-talbiet xorta waħda kellhom jintlaqgħu fil-konfront tar-rikorrenti kollha. Il-fehma assodata tal-esponenti hija li anke jekk din il-qorti tiddeċiedi li tiċħad ir-rikors kontestwali biex jiġi preżentat id-dokument sħiħ, xorta waħda għandha tilqa' dan l-appell.
>
> »Dan magħdud, ngħaddu għall-kwistjoni ta' quddiemna.
>
> »Jibda biex jingħad illi biex kawża bħal din tirnexxi assolutament mhux minnu illi wieħed irid jipprova illi huwa s-sid tal-proprjetà mikrija.

»Il-gwida uffiċċjali tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-artiklu 1 tal-Protokoll 1 tfisser il-kunċett ta' 'possedimenti' b'dan il-mod:

> »"The concept of 'possessions' in the first part of Article 1 of Protocol No. 1 is an autonomous one, covering both 'existing possessions' and assets, including claims, in respect of which the applicant can argue that he or she has at least a 'legitimate expectation'. "Possessions" include rights "in rem" [*sic*] and "in personam". The term encompasses immovable and movable property and other proprietary interests'.

»Tabilħaqq, l-istess gwida żżid illi:

> »"The concept of 'possessions' has an autonomous meaning which is independent from the formal classification in domestic law and is not limited to the ownership of physical goods: certain other rights and interests constituting assets can also be regarded as 'property rights', and thus as 'possessions' for the purposes of this provision. The issue that needs to be examined in each case is whether the circumstances of the case, considered as a whole, conferred on the applicant title to a substantive interest protected by article ċ of Protocol No. 1.'

»Dan magħdud, għandu jingħad illi veru: it-testment li bih wirtu Aldo Fiorini u Amanda Mahoney fl-atti tal-qorti qiegħed b'paġna nieqsa. Imma fl-atti ma hemmx biss dan:

»• Aldo Fiorini xehed li r-rikorrenti huma s-sidien, u saħansitra għamel riferenza għat-testment li għandu l-paġna nieqsa;

»• Carmel Galea, l-inkwilin tal-kirja *de quo*, ikkonferma bil-ġurament tiegħu li dan l-aħħar kien iħallas il-kera "lis-Sinjura Fiorini" u mbagħad lil Aldo Fiorini;

»• fil-kotba tal-kera esebiti, hemm jissemmew il-familja Fiorini; u

»• hemm esebita s-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera tas-27 ta' Mejju 2022, li hemm imsemmija fiha bħala atturi r-rikorrenti Aldo Fiorini u Amanda Mahoney. Inċidentalment, f'paġna 5 ta' din is-sentenza, eċċezzjoni dwar it-titolu (simili għal dik li laqgħet il-qorti fis-sentenza appellata) ġiet miċħuda.

»Jiġi mtenni illi Aldo Fiorini xehed bil-ġurament (b'*affidavit*) u qal li huwa u Amanda Mahoney huma eredi ta' missierhom. Lil Aldo Fiorini ma sarlu l-ebda kontroeżami.

»Xi jfisser dan, għajr ħlief aċċettazzjoni bħala verità ta' dak li ngħad? Kif jgħid Murphy: "*Failure to cross-examine a witness who has given relevant evidence for the other side is held technically to amount to an acceptance of the witness's evidence in chief*" – Peter Murphy, *Murphy on Evidence*, *7th ed*., 2000.

»… … …

»Dan il-prinċipju ġie abbraċjat ġewwa s-sistema Maltija diversi drabi, fost l-aktar riċenti, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell stess fl-ismijiet Michael Mangion *et v.* Il-Kontrollur tad-Dwana (17 ta' Lulju 2017).

»Huwa minnu illi kelna xi żviluppi fil-ġurisprudenza illi jgħidu illi dan il-prinċipju ma jistax japplika indiskriminalment, u l-kontestazzjoni ta' fatt allegat tista' ssir bi prova kuntrarja flok bil-kontroeżami, imma hawn, f'dan il-każ, lanqas dan ma sar. Fl-atti ma hemm xejn x'jindika li Aldo

Fiorini u Amanda Mahoney ma humiex il-werrieta ta' missierhom – naturalment, għax dan il-fatt huwa l-verità. Fl-atti ta' din il-kawża ma hemmx prova kuntrarja waħda li hi waħda li b'xi mod tista' tqis li tikkontradiċi l-fatt li ma sarx kontroeżami għalih! Anzi, fl-atti hemm provi li jsaħħu d-dikjarazzjoni ġuramentata ta' Aldo Fiorini!

»Hemm per eżempju l-fatt illi l-inkwilin, li jaf il-fatti u li għandu relazzjoni diretta mar-rikorrenti, mhux talli ma jiċħadx il-fatt illi Aldo Fiorini u Amanda Mahoney huma s-sidien, talli huwa stess fix-xhieda tiegħu isemmi li jħallas il-kera lil Aldo Fiorini. Hemm ukoll esebiti għadd ta' kotba tal-kera, u hemm esebita wkoll is-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera bejn is-sidien u l-inkwilini, fejn fiha r-rikorrenti kollha (inkluż Aldo Fiorini u Amanda Mahoney) huma indikati u aċċettati bħala sidien. Lil hinn mill-fatt illi kif ingħad diġà s-sjieda mhijiex neċessarja biex jirnexxi rikors taħt l-artikolu 1, Protokoll 1 tal-Konvenzjoni, hawnhekk ripetutament hemm konferma ta' dak li xehed dwaru Aldo Fiorini u li tiegħu ma sarx kontroeżami.

»Hemm punt ieħor x'jiġi ikkunsidrat: huwa paċifiku illi Aldo Fiorini u Amanda Mahoney huma ulied missierhom. Bħala tali, huma preżunti werrieta ta' missierhom, anke f'għajn il-liġi. U allura anke minħabba dan biss, tali presunzjoni lanqas setgħet tiġi kapovolta u tiġi rikjesta prova kważi djabolika ta' presunzjoni li *in ogni caso* xorta waħda taħdem favurihom!

»Indipendentement minn dan imbagħad, ma hemm assolutament [*sc.* xejn] fl-atti li jikkontradixxi l-asserzjoni ta' Dottor Aldo Fiorini – tabilħaqq, kwalunkwe prova oħra din l-asserzjoni issaħħaħha.

»Allura, jingħad illi kienet żbaljata l-ewwel qorti meta qalet illi "l-qorti ġiet mċaħħda milli tikkonstata l-veraċità ta' dak ritenut fl-affidavit ta' Aldo Fiorini li hu flimkien ma oħtu Amanda ġew nominati l-werrieta ta' missierhom". Apparti l-fatt illi wieħed irid jara x'inhi din il-"veraċità" li kellha bżonn il-qorti (issir referenza għall-ewwel argument, magħmul aktar 'il fuq), l-atti kellhom iserrħu ras l-ewwel qorti, u mhux iqanqlulha xi dubju, speċjalment fiċ-ċirkostanzi spjegati hawn fuq.

»L-esponenti sinċerament ma jistgħux jifhmu kif, fil-kunsiderazzjonijiet tagħha, l-ewwel qorti għażlet biss li tikkunsidra t-testment, tinsa l-bqija, tgħid illi "l-istess rikorrenti għoġobhom iħallu barra r-raba' u l-ħames artikolu mit-testment tal-1 ta' Lulju 1983" (daqslikieku kienet xi mossa *in mala fede*!), tieqaf hemm u ma tikkunsidra assolutament xejn aktar. Kien ikollha raġun il-qorti kieku dawn qabdu għamlu l-kawża u ma ġabu assolutament xejn, imma din il-qorti se tagħraf li dan ma kienx il-każ.

»Issir riferenza għas-sentenza fl-ismijiet <u>Iris Dalmas *v.* Mons Joseph Dalmas *et*</u> (12 ta' Jannar 2005, Qorti tal-Appell Inferjuri):

> »"Il-prinċipju tal-piż tal-prova ma jfisserx illi d-dimostrazzzjoni tal-fatt, kostituttiv ta' dritt vantat u pretiż, trid tiġi rikavata esklużivament minn prova waħda, u dik biss. Hu sew magħruf illi wieħed jista' jutilizza elementi oħra probatorji akkwiżiti mill-proċess. Fl-ordinament ġuridiku tagħna, kif ġà fuq espress, iviġi l-prinċipju illi r-riżultanzi istruttorji jistgħu jiġu ottenuti b'kull mod purkè dawn iservu għall-formazzjoni u konvinċiment tal-ġudikant. Xejn ma hu eskluż, lanqas l-utilizzazzjoni ta' xi prova fornita mill-kontroparti. L-importanti hu li l-parti fil-proċeduri tipprova u ssostni l-fatt li hu a bażi tad-dritt tagħha."

»Speċjalment f'dawn it-tip ta' kawżi, l-affarijiet iridu jiġu ikkunsidrati fil-kuntest tagħhom. Issir riferenza għas-sentenza fl-ismijiet Victor Gatt *et v.* Avukat Ġenerali *et* (Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), deċiża fil-15 ta' Lulju 2010), fejn fiha intqal hekk:

> »"L-intimati eċċepew in linea preliminari li r-rikorrenti jridu, fl-ewwel lok, jippruvaw it-titolu tagħhom. Din il-qorti tirrileva li din l-azzjoni mhix waħda *rei vindicatoria*, u kwindi mhux meħtieġ il-prova diabolica ta' titolu oriġinali. Hu biżżejjed li r-rikorrenti juru interess ġuridiku fl-esitu ta' din il-kawża. Il-qorti qieset li s-soċjetà intimata *Maltapost plc* tirrikonoxxi li hi tikri din il-proprjetà mingħand ir-rikorrenti, u dan jirriżulta mill-proċeduri li hi stess fetħet kontra l-awtur tar-rikorrenti quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, u mill-ħlas regolari tal-kera indirizzat lill-istess missier ir-rikorrenti'.

»… … …

29. Għalkemm huwa minnu illi f'kawżi bħal dik tallum il-prova tat-titolu mhux bilfors tkun rigoruża bħal dik fl-azzjoni revindikatorja, madankollu prova tal-interess tal-atturi għandu jkun hemm, u dik il-prova ma għandhiex tħalli lakuna. Id-dubju dwar it-titolu tal-atturi Aldo Fiorini u Amanda Mahoney inħoloq għax il-prova li huma l-werrieta ta' missierhom Joseph Fiorini fittxu li jagħmluha billi jesebixxu kopja tat-testment tiegħu li iżda kellha partijiet nieqsa u għalhekk inħoloq is-suspett li seta' kien hemm disposizzjonijiet li jolqtu d-dritt tal-atturi fuq il-fond.

30. Dan is-suspett ikompli jissaħħaħ meta tqis illi din il-qorti b'dikriet tal-5 ta' Settembru 2023 tat lill-atturi l-fakoltà li jippreżentaw f'dan l-istadju tal-appell kopja sħiħa tat-testment, iżda din il-kopja sħiħa u awtentika baqgħet ma ġietx.

31. Huwa minnu illi l-attur Aldo Fiorini iddikjara bil-ġurament illi flimkien ma' oħtu l-attriċi Amanda Mahoney għandu sehem tal-fond bis-saħħa tat-testment ta' missierhom. Il-prova iżda kellha ssir billi tintwera kopja sħiħa u awtentika tat-testment (flimkien maċ-ċertifikati ta' tiftix biex juru li t-testment tassew huwa l-aħħar wieħed; dawn iċ-ċertifikati wkoll ma nġibux)

u mhux b'asserzjoni ta' parti, għax dik ma hijiex l-aħjar prova meta l-aħjar prova – it-testment u ċertifikati relativi – tista' faċilment issir.

32. Huwa minnu wkoll illi s-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera tas-27 ta' Mejju 2022 fl-ismijiet Aldo Fiorini *et v.* Carmel Galea (rik. nru 479/2021) tagħraf li l-atturi għandhom sehem fil-proprjetà. Is-sentenza tgħid hekk:

> »Il-bord jinnota illi r-rikorrenti ma ressqu ebda prova in sostenn tal-allegazzjoni tagħhom li huma s-sidien tal-fond … *Di più*, huma ma ppreżentaw ebda prova in sostenn tal-fatt li huma s-sidien tal-kirja *de quo*. L-unika ħolqa bejn il-posizzjoni tar-rikorrenti u l-kawża *de quo* hija sempliċi dikjarazzjoni fir-rikors promotur li l-intimat ilu jokkupa l-fond *de quo* għal żmien twil taħt titolu ta' kera stabbilit u miżmum taħt id-disposizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta. Din id-dikjarazz-joni ma ġiet ikkonfermata bil-ġurament fl-ebda stadju tal-proċeduri.
>
> »Din l-osservazzjoni appena magħmulha qed issir fid-dawl tal-ewwel eċċezzjoni mogħtija kemm mill-Awtorità tad-Djar kif ukoll mill-intimat fejn jingħad, *inter alia*, illi r-rikorrenti għandhom iġibu prova li huma s-sidien uniċi tal-fond.
>
> »Il-liġi tal-kera toħloq distinzjoni bejn "sid il-fond" soġġett għall-lokazzjoni u "sid il-kera" … … …
>
> »… … …
>
> »Din il-fehma hija wkoll konkordi mal-użu tal-kliem "sid il-kera" aktar milli l-kliem "sid il-fond" fl-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini. *Di più*, l-artikolu 1530 tal-Kodiċi Ċivili jippermetti l-għoti b'kiri minn dak li jkun jippossjedi l-ħaġa taħt diversi titoli, fosthom ta' fedekommess, użufrutt jew inkella taħt titolu ieħor temporanju jew li jista' jinħall. Isegwi, b'hekk, li "sid il-kera" mhux neċessarjament ikun il-propjetarju tal-fond konċess b'lokazzjoni, iżda biżżejjed li jkollu xi forma ta' pussess legali fuqu.
>
> »Fir-rigward tat-titolu ta' kera, l-intimat iddikjara fir-risposta tiegħu illi huwa "jiddependi għal kollox mill-kirja odjerna sabiex ma jispiċċax barra fit-triq"; igħid ukoll li huwa wettaq diversi benefikati f'dan il-fond. Dawn id-dikjarazzjonijiet indiretti, fil-fehma tal-bord, jindikaw illi l-intimat jirrikonoxxi li r-rikorrenti huma s-sidien tal-kirja tiegħu. *Di più*, fl-ebda mument hu ma jikkwerela l-asserzjoni li huma s-sidien tal-kirja *de quo*.
>
> »Fil-fehma tal-bord u fid-dawl ta' l-insenjament appena espost, id-dikjarazzjonijiet tal-intimat fir-risposta tiegħu jipprovdu prova tajba u suffiċjenti sabiex il-bord jiddetermina illi r-rikorrenti huma, effettiva-ment, is-sidien tal-kera tal-fond *de quo* limitatament għall-finijiet tal-proċeduri odjerni.«

33. Relevanti l-osservazzjoni tal-bord illi qies lill-atturi "sidien tal-kera tal-fond *de quo* limitatament għall-finijiet tal-proċeduri odjerni". Huwa minnu illi l-

atturi għandhom jitqiesu sid-il-kera quddiem min jagħrafhom bħala hekk iżda mhux bilfors ukoll quddiem terzi.

34. Din il-qorti kienet tasal biex hija wkoll tagħraf lill-atturi bħala sid-il-kera li mhux għax inħoloq suspett bil-produzzjoni ta' dokument b'partijiet nieqsa, suspett illi kompla ssaħħaħ bin-nuqqas tal-atturi li jġibu dak id-dokument ukoll wara li ngħataw fakoltà li jagħmlu hekk, għalkemm fl-istadju ta' appell. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-qorti ma tistax ma tinsistix li titressaq l-aħjar prova, aktar u aktar meta, jerġa' jingħad, dik il-prova setgħet faċilment saret.

35. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-provi li tressqu ma jagħtu ebda serħan il-moħħ illi l-atturi Aldo Fiorini u Amanda Mahoney tassew wirtu s-sehem indiviż ta' missierhom fil-fond, u għalhekk l-appell tal-atturi ma jistax jintlaqa'.

36. Il-qorti għalhekk tirriforma s-sentenza appellata:

    i. tilqa' l-appell inċidentali tal-Avukat tal-Istat u tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata li sabet ksur tal-jeddijiet fondamentali tal-atturi Lydia Fiorini u Claudette Pace u illikwidat kumpens favur dawn l-atturi u, minflok, tiċħad it-talbiet safejn saru fl-interess ta' dawn l-atturi;

    ii. tiċħad l-appell tal-atturi; u

    iii. tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti biss fejn sabet ksur tal-jeddijiet tal-attriċi Concetta D'Amato u fejn ordnat lill-Avukat tal-Istat sabiex iħallasha kumpens ta' tnax-il elf u ħames mitt euro (€12,500).

37. L-ispejjeż tal-ewwel grad tal-attriċi Concetta D'Amato jħallashom l-Avukat tal-Istat; l-ispejjeż tal-ewwel grad tal-konvenut Carmel Galea jinqasmu hekk: sehem minn tlieta ($^{1}/_{3}$) jħallsu l-Avukat tal-Istat u żewġ ishma minn tlieta ($^{2}/_{3}$) jħallsuhom l-atturi ħlief Concetta D'Amato. L-ispejjeż kollha tal-appelli, kemm dak ewlieni u kemm dak inċidentali, iħallsuhom l-atturi ħlief Concetta D'Amato.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
Ss